**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 19 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Jesmond Micallef**

**VS**

**Keith Cremona**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Keith Cremona ta' 25 sena, bin Francis u Therese nee' Attard, mwieled Pieta' fit-23 ta' Novembru 1987, residenti gewwa 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta u detentur tal-Karta tal- Identita' bin-numru 530687M;

Talli;

1) Fil-11 ta' Dicembru 2012 ghal habta tas-7.15pm f' dawn il-Gzejjer u cioe' fi Triq Nazju Ellul, Gzira, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti li l-valur komplessiv ma jeccedix €232.94 liema serq hu aggravate bix-xorta tal-haga misruqa u kif ukoll bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Raymond Sant u/jew ta' persuni ohra;
2) Aktar talli fil-11 ta' Dicembru 2012 ghal habta tas- 19.00hrs f' dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq Maria Teresa Vettura tat-tip Volks Wagon Polo ta' lewn ahdar bin-numru tar-registrazzjoni CBE 742, liema serq huwa aggravate bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll bil-hin u li sar ghad-detirment ta' Brian Saliba u/jew persuni ohra;
3) Finalment talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-imputat ghandu jinstab hati ta' dawn l-akkuzi. Il-Prosekuzzjoni tellghet ix-xhieda u esebiet id-dokumenti necessarji biex il-Qorti tasal ghall-konvinciment morali dwar il-htija tal-imputat. Huwa instab flimkien ma' persuna ohra, certu Roderick Zammit, f'vettura li kienet tixbah hafna l-vettura li kien sar rapport fuqha wara s-serqa. Huma inzammu mill-Pulizija u ma wiegbux ghad-domandi li sarulhom. Id-derubat, Raymond Sant, ta deskrizzjoni tal-vettura li ntuzat fis-serqa mill-istabbiliment tieghu, u permezz ta' din id-deskrizzjoni, il-Pulizija waslu biex jarrestaw lil Zammit u lill-imputat. Huma ma taw bda spjegazzjoni ghalfejn kienu fil-vicinanzi tar-reat b'dik l-istess vettura, izda Zammit kien ammetta fl-istqarrija tieghu li kien hu li seraq il-flus imsemmija. Hu ighid li kien wahdu, izda x-xhud okulari rah diehel fil-vettura, probabbli li kienet misjuqa mill-imputat.

Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261(c)(g)(F), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 281, 49, 50, 289, 17 u 31 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati u għaldaqstant tikkundannah piena ta' sena prigunerija.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**